# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*
Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)
Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea(str.Cristoforu,numru 174).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IL ĦAMIS, id-19 TA SETTEMBRU, 1912. NRU. 32.

*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrdaŭħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistennew minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*
† P. ARCISKOF U ISKOF.

## LI STORJA.

Cull art — cbira jeŭ ċchejcna — għandha li *Storja* taħħa: u din li *Storja* hi ħaġa għażiża u imkaddsa, li ħadd ma għandu igħaŭŭigħa, u la għall frugħat tad-dinja u inkas biex jingieb fuk l'idejn jeŭ biex jiżżeblaħ min, scond is-*Seŭŭa,* ma ħakkux ittifħir jeŭ iż-żebliħ.

Bħalma fir-Religjon ħadd ma jista igħaŭŭeġ chelma mill'*Evangelju,* hecc ucoll fil kima tal Patrja ħadd ma jista igħaŭŭeġ chelma mil li *Storja.*—Li *Storja* (kâl ŭieħed għaref—jecc niftacru tajjeb, il GIUSTI) hi l'*Evangelju tal Patrja!*

Mita Lamartaine, ŭieħed mill'akŭa Chittieba li chellha Franza fis-seclu l'ieħor, għaŭŭeġ ftit li *Storja tal Italja,* kâmu għaliħ bħal katta ġganti l'aħjar Chittieba Taljani, li ma sictux actar kabel ma giebuħ bi spallejħ mal ħajt; u haŭn Malta ucoll, mita ŭieħed Ingliż, certu Webster, kal xi ħŭejjeġ b'oħra fuk li *Storja tagħna,* il għaref Dun Giusepp Żammit *(Brighella),* u il Professur Dun Dovic Mifsud-Tommasi, u il famus Tabib Nicôl Żammit, u bosta oħrajn għajjruħ bla ħniena, li, billi chitbu fuku, bagħduħ mal Poplu u chellu igħasfar minn haŭn ħin bla ŭakt!

Hu dmir imkaddes ta cull bniedem onest, ta cull chittieb li ma jinbieħx, ta cull min ma jimxix bir-*rispetti umani,* li ma itabbax il mera ta li *Storja tad-dinja!*

Chemm, imbagħd, hu acbar id-dnub, mita ŭieħed igħaŭŭeġ li *Storja* mhux ta pajjiż ieħor, imma ta pajjiżu stess?... U min igħaŭŭigħa mhux għax ma icunx jafħa tajjeb, jeŭ għax ma icunx Chittieb tal ħeġġa, imma għax irid, għax icun jakbel lîlu hecc, għax icun moħħu iħabbat biex jaħbi ix-xemx bil għarbiel?...

U li *Storja* hi xemx! Xemx li tisreġ fuk il ħbieb u fuk l'egħdeŭŭa tal Patrja! Xemx tas-seŭŭa, li turi min għamel dmiru u min ma għamlux, min ċarċar demmu għall Pajjiżu u min biegħu, min nakas għax bla dehen jeŭ bla ħeġġa u min nakas għax cburi jeŭ karriek! Li *Storja* hi xemx li tiddi fuk it-tajjbin u fuk il ħżiena, fuk il kalbenin u fuk il bierda, fuk il ħajjnin u fuk il fiergħa! *Fuk il Martri tal Patrja*—kâl Cesare Cantù, li hu l'acbar Chittieb ta li STORJA UNIVERSALI—*u fuk it-Tradituri taħħa!* U Tradituri—scond il Muratori—m'humiex daŭc biss li kiegħdu il pajjiżhom fin-nofs għal tal apposta, imma daŭc collha li jaħbulhom għall frugħat ta rashom!

Mela, jecc, per esempju, niftħu il *Ctieb ta li Storja ta Malta,* m'hemmx gieħ u kima ħlief għal min jistħokkulu bis-seŭŭa t'Alla! Icun jismu La Vallette jeŭ D'Omedes, Rohan jeŭ Hompesh, Bajjada jeŭ Derghut, Ferdinandu Erbgħa jeŭ Napuljun Bonaparti, Dun Michiel'Anġ Scerri jeŭ il Canonicu Carŭana, l'Armirall Nissa jeŭ l'Armirall Nelson, Manŭel Vitali jeŭ Alexander Ball, il Captan Guliermu jeŭ il Fizzjal Satarjanu—cbir jeŭ żgħir, barrani jeŭ geŭŭieni, kassis jeŭ secular, demm il cbarat jeŭ bin il fakar—cull-ħadd għandu jintiżen f'miżien ŭieħed!

U ħadd, ħadd, inkas jecc icun bin Sultan, ma għandu il jedd igħaŭŭeġ li *Storja,* l'*Evangelju tal Patria,* biex ibiġgel il għamil ħażin jeŭ biex igħammex il għamil tajjeb ta min, f'cull żmien u f'cull art, chellu sehem fil ġrajja ta Pajjiż: ŭisk actar, imbgħad, fil ġrajja ta Pajjiżu.

Din hi li *Storja!*

## Biedja.

SETTEMBRU.

*Ix-xahar ta ġmieħ il għeneb u għamil l'inbid.*

Dac li jidher u isir fil biedja:
Iraħħsu—Il palma, il basal, il clin, ir-rand.
Tiżhar—Il ħaxixa tar-rmied, il kasba, l'agavi, il gelleŭż.
Isajjru—Iż-żinżel, il geŭż, il ħaŭħ isfar, il bergamott, iċ-cedrat, il ħabak, il ġolġlien, il cappar, il ballut, li spraġ, il għansar.
Jinża—It-tut.

Xogħol tal bdieŭa:
Fir-raba bgħali.
Taħrat u iddemmel ir-raba taż-żriħ,
Jinżerghu—Is-silla, il ŭidna, il ġolbiena, ix-xgħir, it-teŭm.
Jitħaŭŭlu—Il patata tax-xitŭa u il bajtar tal India.
Titgħarras—Il gidra, il caŭli-fjuri, il caboċċi.
Jingama—Il bjad, il ġolġlien, l'imżieŭet tal kamħ-ir-rum, il bettieħ tax-xitŭa.
Jinħarad—Il ŭerak tat-tin.

Fir-raba sakŭi u fil ġonna.
Jinżerghu—Il crafes, it-toffieħ t'Adam, l'indivja, il figel, il ħass, il basal, il kakoċċ.
Jitħaŭŭel—Il basal taż-żgħafran.
Jinżabru l'agrumi.
Jitlakkmu—L'agrumi u ir-rummien.
Jinkata il kara franciż misjur u jitkiegħed fix-xemx.

Proverbji:
Cull ma tara b'għajnejc hu collu gejj mill'art:
Min mela jaħdimha tajjeb, ma ibatix u la ġuħ u la bard.
Iżra fit-tjeb u fil ŭakt
Biex ma jibdiecc katt.

L'aħħar li tħadditna fuk il Biedja, gibna *Memorja* ta dac il bniedem li fi żmienu tħabat ŭisk biex igib il kuddiem il biedja. Illum sejjrin ingibu *Memorja* oħra tal istess Dun Celestinu Camilleri li chien kara kuddiem is-Soci tax-Xirca *Agrarja* fuk

*Iż-żejt.*

«Mil monumenti jeŭ tifchiriet li ħallitilna li *Storja* ta Malta, tifchiriet li il killa taż-żmien ma felħetx ittemm u tgħarrak minn ŭiċċ din l'art, aħna naraŭ u ngħarfu li fi żmien bosta u bosta bgħid minn'na, xitel iż-żebbuġ chien jinħadem ma chemm għandhom tûl Malta u Għaŭdex, anzi ir-rħula sħaħ chienu collha imħaŭŭlin żebbuġ. Mil Fenici, l'eŭŭel nies li biż-żebbuġ bdiet tgħammar Malta, u li chienu l'eŭlenin li bdeŭ iħaŭŭlu u jaħdmu iż-żebbuġ, sa tmien mit sena ŭara ir-Rumani, iż-żebbuġ chien sejjer ŭisk tajjeb, illi urajħ ħalla għageb sħiħ; iżda meta geŭ is-Saracini iż-żebbuġ għerek u qŭasi intemm; u hecc baka sas-seclu 12 (elf u mitejn sena ŭara Cristu).

«L'antenati taghna, nies ta dehen u industrja cbar, ma ħalleŭx li is-sigra taż-żebbuġ, siġra hecc sabiħa u għânja, tibka l'ura; reġghu ghalhecc ħaŭluha ma cullimchien, u chif maħħom chellhom il ħleŭŭa tal ajru u ittieba tal art, irnexxa iż-żebbuġ collu, li biħ imleŭ Malta u Ghaŭdex. U hecc cbira chienet l'abbundanza taż-żejt li chienu jieħdu miż-żebbuġ, illi, ghajr il consum cbir li tieghu chien isir fil pajjiż, qŭantità ucoll cbira chienet tittieħed u tinbieħ fil pajjiżi ta ma dŭarha, b'mod illi il Gżira taghna l'isem kalghet ta *Caricatrici taż-żejt*.

«L'ismijet, imbaghd, li ghandhom gejjn miż-żebbuġ l'icbar żeŭġ ir-rħula tal campanja taghna, li huma iż-Żejtun u iż-Żebbuġ, u bosta lochijet oħra, bħalma huma *Ghajn Żejtunija, Bjar iż-żejt, Gid iż-żebbugi, Bir-Żebbuġa* u oħrajn; u Ghaŭdex ħaż-Żebbuġ, u tant postijet u lochijet oħra ta li stess gżira, huma xhieda biż-żejjed li juruna chemm chienet cbira f'Malta u Ghaŭdex it-trobbija jeŭ il ħidma taż-żebbuġ, u il ghamil taż-żejt, li isir chien haŭn b'tant cbira abbundanza.

Iż-żejt jista icun ta bosta qŭalità: hemm żejt li ighidulu tal *annimali*, hemm li isejjħulu *minerali*, u hemm tal *vegetali*, jigifieri dac li joħroġ mil ħxejjex tas-siġar; iż-żejt taż-żebbuġ jokghod fost din l'aħħar qŭalità. Fl'Eŭropa is-siġra taż-żebbuġ ŭeħeda, fost is-siġar collha li fiha jinsabu, hia li tati iż-żejt.

Il consum cbir li isir taż-żejt, specjalment fil campanja, hu ħaġa li turi ċar l'impurtanza collha tieghu. Żid issa ma dan il flus cbar li nonfku biex nixtruħ minn barra, u din tcun ragjuni oħra biex nixtieku naraŭ cull imchien imħaŭŭel iż-żebbuġ. Bosta huma il lochijet li ghandna li fihom jista jitħaŭŭel iż-żebbuġ; u ŭisk raba moxa u bla maħdum ghandna li fiħ tista titħaŭŭel din is-siġra, li hi hecc impurtanti lilna u ghall frott u għaż-żejt li tatina. Chif ghaldakstant dan iż-żejt hu minn tal eŭŭel fost il bżonnijet taghna, u hecc tal acbar impurtanza ghall pajjiżna it-taħŭil u il ħidma tas-siġar taż-żebbuġ, hu ucoll benefizzju u vantaġġ li imissu jigi incuraggit minn cull-ħadd.»

Nixtieku nibdeŭ ingibu fil lsien malti dac collu li Dun Celestinu chiteb fuk in-Naħal, fejn hemm taghlim bil bosta tajjeb: u nisperaŭ li id-Direttur jieħu pacenzja bîna ghall gid tal biedja. (*) W.

(*) Mhux *nieħdu pacenzja bis-Sur W*, imma niżżuħ-ħajr b'kalbna collha ghall ħŭejjeġ sbieħ u tal fejda li kieghed jibghatilna fuk il Biedja, ghax din, chiecu tcun immexxija aħjar, tista tati għâna bla kies lill Poplu. L'art taghna, tajjba u bnina fiha infisha, katt ma giet milkuma chif jixirkilha, la mil Gvern u la mil li stess Bdieŭa. Aħna inkisuha *barriera tad-deheb*, li ħadd ma irid imidd ghonku seŭŭa, biex jakta minnha: u cull-min, bħas-Sur *W*, ifittex li jati id-daŭl fukha, inżommuħ b'ħabib cbir mhux biss tas-sjed u tal ħaddiema tal art, imma tal Poplu collu ta Malta u Ghaŭdex.

Id-Direzzjoni.

## TŬISSIJET FUK IS-SAHHA.

(*Jissocta fuk il Ġuvintur u Xebbiet.*)

Tŭissija oħra nixtiek naghmel: tant lill ġuvni chemm lix-xebba: li ghandhom jagħżlu is-sengha jeŭ ix-xoghol li biħ il kuddiem jistghu ighixu. Iftħulhom ghajnejhom u ŭissuhom jecc dac ix-xoghol jeŭ dac il post ma icunx ighodd ghalihom, imma tħassrulhomx il *carriera* li icunu mixtiekin jakbdu. Ghaliex ix-xoghol li joghġboc u taghmlu bil kalb tirnexxi fiħ, dac li taghmlu bil-fors u bla ħeġġa katt ma titghallmu seŭŭa u hecc ma tistax taghmel fortuna biħ. Cull-ħadd ghandu jixteħet ghal dac li stat li ghaliħ iħoss ruħu miġbud. Naraŭ bosta nies li katt ma jistghu jakbdu art f'ħajjithom u dana jiġri ghaliex nieshom kabbduhom sengha bil-fors, jeŭ ghaliex ma iseħħux f'dac li bdeŭ jaghmlu, cull mument jakilbu minn xoghol ghal ieħor u ma iseħħu f'xejn: jidħrilhom li jafu jaghmlu collox, imma ma icunu jafu xejn chif imiss. Mela, ghakal cbir fil għażla tassengha jeŭ tax-xoghol illi jagħżlu uliedcom, imbaghad curaġġ u fehma sħiħa li icomplu fiha biex jitghallmuha seŭŭa u biha jistghu ighixu ghal ghomorhom collu.

Haŭn jixrak nghid chelmtejn fuk il ġuvintur u ix-xebbiet li icunu moghtija biex isiru sacerdoti jeŭ sorijet, u fuk daŭc li icunu moghtija għaż-żŭieġ. Il genituri, bil ghajnuna tal cunfessur, ghandhom jagharfu tajjeb liema xeŭka u ħrara ghandhom uliedhom, u ma iseŭŭulhomx biex isiru religjusi jecc ma ghandhomx *vocazjoni* u l'ankas iħassrulhom jecc icunu tas-seŭ moghtija biex iservu ll'Alla b'dac il môd. Ghax tant fil ŭaħda, chemm fl'oħra, icunu kieghdin jaghmlu deni cbir lill'uliedhom.

Xi nghid, imbaghd, fuk iż-żŭieġ? L'eŭŭel nett, il missier, u actar minnu l'omm, ghandhom jokoghdu ghajnejhom miftuħa u jitchixfu tajjeb illi il passjoni tal imħabba ma tibdiex f'uliedhom kabel ma ghandhom iż-żmien u il ħila biex jieħdu li stat taħħom u jistghu iżommu darhom. Ma ghandhomx jirħulhom jittajjru ghal dic jeŭ ghal dac, chif gieb u laħak, ghaliex l'ulied f'dan iż-żmien, bħala żghażaħ, icunu bla ghakal u moghmijin mill'imħabba, ma jistghux jagharfu seŭŭa dac li hu aħjar ghalihom.

Hu dmir tal genituri illi jiddiriġuhom f'din il ħaġa tant tal miħtieġa, illi minnha tiddependi il cuntentizza jeŭ il hemm ghal ghomorhom collu. F'din il qŭistjoni taż-żŭieġ ma ghandu katt jidħol l'interess; il flus biss, ma igibux il hena. Meta jasal il ŭakt u meta icun xierak, il genituri ghandhom jiccuntentaŭ u ighidu *iva*, basta is-sieħeb jeŭ is-sieħba ta uliedhom huma b'saħħithom, bil ghakal, bil ħila li jakilghu x'jieclu, u imrobbija fil biża t'Alla. Iż-żŭieġijet ta malajr-malajr u ghall'interess, huma id-disgrazzja ta bosta nies, illi jidħlu fl'infern ta din id-dinja u tad-dinja l'oħra ucoll. Meta iż-żŭieġ isir bir-rekka u bil ghakal, allura il barca tal genituri u tal Cappillan li iżeŭŭiġhom, igibu il barca t'Alla, li tcompli tghin il mara u ir-ragel illi jintrabtu flimchien biex irabbu fil paci u il cuntentizza il familja li icollhom u ighixu fil hena f'din id-dinja u fl'oħra.

Darb'oħra, nitchellem fuk l'ulied illi jistghu icomplu li scola u ighixu xort'oħra.

(*Jissocta*) Dr. L. Manché.

# Minn Vienna.

L'aħħar aħbarijet tal Cungress Eŭcaristicu:—

* Il Cardinal Van Rossum, Delegat tal Papa, ŭasal Vienna fil ħdax ta settembru. Giè milkuħ mil Cardinal Nagl, Arci-Iskof ta dic il belt, li tghannak mieghu darbtejn, kalb l'applaŭsi tal Cleru collu ta Vienna, tad-Deputati tal Cunsill u ta bosta Cbaràt. Tala f'carozza ta ġmiel cbir li baghtlu l'Imperatur: u f'carozzi tal Imperatur telghu ucoll il Persunaġġi l'oħra li marru mal Cardinal minn Ruma. Iż-żeŭġ Cardinali ghamlu *Discors* cull ŭieħed, li bdeŭhom bil Latin u issoctaŭhom bit-Tedesc. Imbaghd, tchellem il Borgumastru, li hu il Cap tal Belt: u l'Eminentissimu Van Rossum ŭieġbu, biex jiżżiħ-ħajr ta dic il lakgha collha. Fost ħŭejjeġ bħra, kallu: Dan il gieħ hu moghti lill Papa, li jen gejt haŭn fl'isem Tieghu. U, fl'isem tal Papa, tà il Barca lill'Imperatur, lill Prinċpijet u lill Poplu collu ta Vienna. Ŭara dan, saret funzjoni l'actar solenni fil Cnisja ta *San Stiefnu*: u, imbaghd, il Cardinal raġa tala fil carozza tal Imperatur u baka sejjer il Palazz tal Hanburg, fejn lakghu l'Imperatur stess u żammu hemm mieghu. Il Cardinal iccunsinna lill'Imperatur l'*Ittra* li baghtlu il Papa mictuba mn'idejħ stess.

* Sal erbgha ta settembru, ġà chienu meħudin 25 elf biljett tal ferrovija ghall Cungress ta Vienna: u jiccalculaŭ li, nhar il ħadd il ghadda, li chienet l'aħħar ġurnata tal Cungress, chien hemm geŭŭa Vienna *mitejn elf* passiggier.

* Il Lhud u il Mażuni ghamlu minn collox biex ifixclu il Cungress: imma baka f'ŭiċċhom u ħafna minnhom geŭ arrestati mil Pulizija, ghad li ŭara reġghu telkuhom.

* Il gażetti collha ta Vienna kieghdin ighidu b'vuci ŭaħda, ghad li huma mifrukin f'bosta partiti u saħansitra f'bosta religjonijet, li dac il Belt, chemm ilha ŭiekfa, katt ma rat mgħburin ħha daŭc l'eluf ta passiggieri u katt ma chellha dac il cummerċ bla kies.

* Il Cardinal Van Rossum fid-*Discors* tal lakgha, kal li drieħ San Clement Kofbaker, il Protettur ta Vienna, ghadu jiddefendi il Cattolici tal Aŭstrja! X'ighid, mela, haŭn Malta, is-sena li gejja, id-Delegat tal Papa, ghall drieħ San Paŭl?.... Żghira il belt taghna ħdejn Vienna u żghira ŭisk actar il gżira ħdejn l'Aŭstrja: imma haŭn nistghu nghidu li aħna *ilcoll* Cattolici—u Cattolici dejjem, sa minn żmien l'Appostli! F'dan ma ighaddina ħadd: u Piju Ghaxra jafu tajjeb. Chiecu, fost tant bliet cbar li ghadhom jistenneŭ il Cungress Eŭcaristicu fihom, chif sata icollna il grazzja aħna ghas-sena li gejja?....

* Dan il mument, hemm Vienna, sa fejn nafu aħna, sittax il Malti: u fosthom żeŭġ Chittieba tal *Habib*, Monsinjur Camilleri u il Professur Dun Carm Psaila. Nittamaŭ li, mita jiġu haŭn bis-sliema, xi ŭieħed minnhom, jecc mhux it-tnejn, ifissru lill karrejja taghna xi ftit mil ħafna li ra b'ghajnejħ. Il ħsieb taghna chien li icunu hemm aħna ucoll: imma ħtiegilna nibkghu haŭn, mhux ghalina infusna!

* Id-*Discors* fil funzjoni ta geŭŭa il Cnisja ta *San Stiefnu*, bħala ftuħ tal Cungress, ghamlu Monsinjur Heylen, Iskof ta Namur (belt tal Belgju) u President tal *Cumitat Permanenti tal Cungressi Eŭcaristici Universali*. Chien hemm jisimghuħ, ma tant Iskfijet u Cbaràt oħra, il Prinċpijet Reali, irgiel u nisa: u fosthom l'Arci-Duca Ferdinandu, Delegat tal Imperatur. Monsinjur Heylen ghandu jigi Malta ix-xahar id-dieħel, biex jiddecidi cull-ma ghandu isir haŭn: u, imbaghd, jarġa jigi ghall Cungress, fejn jaghmel hu ucoll l'eŭŭel *Discors* tal ftuħ tieghu.

* Monsinjur Dun Ŭiġ Farrugia, Monsinjur Formosa u il Patri-Majjistru Cuschieri, li huma tlieta oħra mil Maltin li jinsabu Vienna, chellhom jieħdu sehem fil Processjoni tal Cungress, flimchien mal Professuri tal Università ta Vienna, l'eŭŭel ŭieħed bħala Eżaminatur u it-tnejn l'oħra bħala Professuri tal Università ta Malta u fl'isem taħħa. Jecc dan saħħ, chif nittamaŭ b'kalbna collha, nifirħu lilhom u lill'Università taghna.

* Fit-tieni ġurnata tal Cungress, nhar il ħamis, saru Pontificali fil Cnejjes il cbar collha ta Vienna: u dac tal Cnisja principali (*San Stiefnu*) ghamlu il Cardinal Bourne. L'Imperatur u il Prinċpijet collha, nisa u irgiel, tkarbnu fil Parroċċa li jaghmel maħħa il Palazz Imperjali.

* L'Imperatur ghamel Cavalieri tal Aŭstrja id-Delegat tal Papa u il Cbarát l'oħra collha li il Papa baghat mieghu. Lill Cardinal Van Rossum taħ l'ôghla grad li ghandu l'Imperu.

* L'AĦĦAR TELEGRAMM
*mibghut minn Vienna*
*lill gażetti tad-dinja collha cattolica.*

«Vienna, fl'14, bil lejl.

«Il Cungress Eŭcaristicu ghalak. L'eŭŭel Cungress ieħor isir MALTA, mill'24 sa 's-27 ta April 1913.»

Nifirħu, mela, ghax l'aħħar chelma tal Cungress ta Vienna chienet l'isem għażiż tal gżira tagħna! Nifirħu u nitolbu ll'Alla icompli maghna, biex naghmlu dmirna collu.

# Naħal fûk il Ŭard.

*Tifchîra.* Il ħsieb li jitpinġa is-sakâf ta San Ġŭan chien tal Gran Mastru Martin De Redin, li bagħat għalhecc igîb minn Napli il pittûr Mattija Preti, li chien għal ħila tiegħu msemmi magħ collħadd u chienu actarx igħidulu *il Mattias* jeŭ *il Calabrîs*, għax mŭieled il Calabria, il Malti igħid Calavja. Imma mħabba il meŭt ta da'l Gran Mastru u ta ŭarajh, Annet de Clermon de Chates Gessan, (it-tnejn mietu sena ŭaħda fl'1660) ix-xogħol chien nbeda taħt il Gran Mastru Rafael Cotoner (1662) u spiċċa taħt ħûh Nicolas, li laħak ŭarajh (1675). Magħ genb Preti ħadmet ucoll fis-sakâf is-soru Marija Dedominicis, terzjarja dumnicana, li tħarrget taħtu. Dina pingiet biċċa minn nisa li hemm fis-sakâf.

*Tifchîra oħra.* Il kalbieni Gran Mastru Jean Parisot de la Vallette chien daħħal is-sejf f'għantu, ŭara xhûr taħbît l'actar kalîl, imma flôc ma ħa il mistrieħ li chellu bżonn, beda iħaddem sħiħ moħħu chîf jilka' lit-Toroc jecc jerġgħu jiġu biex jaħbtu għal gżira. Il fortizzi ta Sant Anġlu, San Michiel u Sant Elmu chienu hecc mħarbta, illi mux jisseŭŭeŭ imma jinbneŭ mil ġdîd chellhom bżonn. Il Gran Mastru chien fehmha tajjeb: jecc tarġa' titŭakkaf il fortizza ta Sant Anġlu, ħaġa tiġbed l'oħra, l'Ordni jibka' dejjem il Birgu, belt żgħîra, fil ħofra u li ma tistgħâx tûsa. L'eŭŭel ħsieb tal Cavalieri chien li ma iseŭŭûx is-sŭar, imma li jitilku mil gżîra u u imorru Skallija. Iżda il Gran Mastru katt ma chien tal fehma tagħhom. F'rasu chellu li iŭarrab mil Birgu bli jibni belt cbira u mdaŭra bis-sŭar in-naħa l'oħra tal baħar fûk ix-xagħra cbira li chienet tħares għal port. Dan chien il bidu tal belt tagħna.

*Tagħlîm.* Mîn jitkarben jilka' ġo sidru lil Gesù Cristu ħaj; jecol il gisem u jixrob iddemm tiegħu. Is-seculâr, li jircievi taħt l'ixbiha tal ħobż lil Gesù, jircievih collu bil gisem u'd-demm. Għalhecc is-sacerdôt, meta jircievih taħt l'ixbiha ucoll tal inbît, ma jigi jeħu xejn actar minn dac.

Għal eŭŭel il Cnisja lis-seculâri chienet tatihom jitkarbnu taħt l'ixbiha tal inbît ucoll. Chîf chien ma bakgħetx? Mħabba li jista' jixxerred id-demm għażiż ta Sîdna Gesù Cristu, u għax bosta nsâra chienu jitmeżmżu jixorbu minn calci ŭieħed, ħŭejjeġ li ma tistâx tagħżilhom minn dic id-draŭŭa.

Il Cnisja għandha il jedd tbiddel f'dac collu li ma għamilx Gesù Cristu. Issa Hu ma kâlx li is-seculâri għandhom jitkarbnu taħt iż-żeŭġ xbihjiet. Il chelmiet «Ixorbu minn dan ilcoll» kalhom *biss lil Appostli li chienu hemm miegħu u mux lil insâra collha.* Mil bkija Gesù jinsâb collu taħt l'ixbiha il ŭaħda u l'oħra, chemm tal ħobż u chemm tal inbît; għalhecc mîn jitkarben taħt xbiha ŭaħda, jircievi lil Gesù Cristu collu, xorta ŭaħda daks li chiecu jitkarben taħt iż-żeŭġ xbihjiet.

*Għas-saħħa.* Ŭieħed mil akŭa *contravveleni* tat-tabacc hua il cafè ŭaħdu. Chiccra cafè carg, mħabba fit-*tannin* tiegħu, tcûn biżżejjed biex tgħaddilêc it-tokla ta râs gejja bosta drabi mit-tipjîp żejjed. Il pipa tagħmel ankas ħsâra mis-sigarri u's-sigarretti, li m'hemmx agħar minnhom meta tîbla' idduħħân tagħhom. Biex it-tabacc jagħmillec ankas ħsara xarrbu ġot-tè, imma kîs li icûn carg seŭŭa, mbgħad kattru mil ilma u kegħdu jixxotta fûk biċċa bajda.

*Cursità.* L'akŭa sitt għonja tad-dinja huma Rokefeller, Pierpont Morgan, Janjacob Astor, Stratcona, Carnegie, Rothschild. Bejniethom ilcoll igħoddu miljard lira sterlina, li isarrâf elf miljun jeŭ għaxâr mitelf lira sterlina għal elf darba. Daŭn is-sitta ŭeħidhom jistgħu iħallsu id-dejn collu tal Inghilterra, jiġbru eserċtu ta miljun suldât u iżommu bih gŭerra għal għaxâr snîn sħâħ.

Jistgħu iraŭmu flotta, li ħadd ma icûn jista' iżjed għalihom fûk il baħar, jatu lira ir-râs lil chemm nies fiha id-dinja, iżommu l'ufficcji collha tal Gvern Inglîs u iħallsu lil chemm impiegati hemm fihom; u dan collu bl'imgħâx biss tal imŭiel tagħhom.

*Cliem il għorrief.* Katlu actar erŭieħ il flûs, milli is-sejf igsma. *W. Scott.*

Il flûs huma b'risk biss mîn kalagħhom bis-seŭŭa u'x-xogħol. *P. Thouar.*

Libsa li tcarcâr ixxecchel il gisem: il għana bla kîes ir-ruħ. *Franklin.*

Il veru għana tal bniedem ŭara meŭtu hua il gîd li jagħmel lil għajru f'din iddinja. *Pellico.*

L'għani, li il fkâr ma jistħajjilhomx nies li isielhom, jidħac b'Alla li tâh. *Ullman.*

L'armi u l'għana kegħdîn tajjeb għand mîn jâf jinkeda bihom. *Audeis.*

*Contra il misħûta moda.* Hallûni, f'gieħ Alla l'imbierec, nitchellem ftît chîf nħossha X'għagħa chien ikûm u chemm chienu igħidu x'għarucaża! xi scandlu! li chiecu mara chellha il ŭiċċ tgħaddi minn triek tan-nies liebsa il libsa tal banju? U chîf chien li ħadd ma igħid xejn għax iżżidilha ftît finimenti u bizzilla u dakxejn ta dublett kîsu nforra ta umbrella?

*Tal aħħar.* Bejn ŭieħed marbût maddinja kiegħed imût u'l kassîs.

*Il kassîs*: Ŭaslitlec is-siegħa li tħalli da'l ŭied tad-dmugħ.

*Il marbût*: Għax tgħid cont drajt ġmieli haŭnecc u hemm x'nâf chîf s'er naħbat.

DUN PAŬL.

# LIX-XEMX.

Kabel tfeġġ minn ŭiċċ il baħar,
Id-daŭl tiegħec tcun ġà tfajt:
Alla jaf għadx iddum titla
U chemm drabi s'issa tlajt.

Malli fukna dic id-dija,
Ta cull jum, titfa minn ġdid,
Nofs id-dinja f'ħemda cbira
Tibda tkum bil ftit il ftit.

Għad li înti ŭisk bgħid minn'na,
Għad li înti tistaħbielna,
Minnec dejjem aħna xrobna,
Int il ħajja tatihielna.

Inti 'l ħxejjex issajjrilna,
Inti 's-siġar tcabbarhomna,
Int bil fjuri lîlna thenni,
Taħt il mant tiegħec iżżommna.

Int is-sħana ta gisimna,
Int id-daŭl minn ta għajnejna:
Collox minnec aħna nafu,
Għax fil bgħid u dejjem ħdejna.

Bħala tfal minn sider ommhom,
Nerdgħu minnec aħna ilcoll:
Bil ŭisk seŭŭa 'l għorrief kalu
L'aħna minnec biċċa ucoll.

*San Giljan, fit-2 ta Settembru, 1912.*

GINU.

# Ma dûar il Gżira.

Ghedna bosta drabi li min jictbilna u ma jatiniex ismu, icun kiegħed jitlef iż-żmien hu u itellfu lîlna. Is-Sur *C. G.*, mela, jista ikis li ma chitbilna xejn, għax tas-seŭ li ħabbrilna ħaġa sabiħa, imma tista tcun ucoll ħrafa—jeŭ biċċa kerk tal ħżiena!

—Is-Sur Giorġ Imbroll, Procuratur tal Cumpanija tal *Erŭieħ tal Purgatorju*, tal Belt (li jokgħod strada *San Giovanni*, numru 110), għandu għall chiri dar u camra, li jinsabu haŭn il Belt—id-dar, strada *Sant' Orsola*, numru 165; u il camra strada *Soccorso*, numru 10. Min irid jagħmel l'*offerti* għalihom, għandu jibgħathom għandu sal għoxrin ta dan ix-xahar, għada. Il Consulta tal Cumpanija iżżomm il jedd li ma tilka ebda *offerta*.

—Nerġgħu 'nfaccru li għada jagħlak ucoll iż-żmien għall'*offerti* tal chiri ta ħanut minn għand is-Sur De Brincat, chîf ħabbarna il gimgħa l'oħra.

—Il *Habib* jitchellem mill'inkas li jista fuk il baned u fuk it-teatrini, fejn ideffsu dejjem denbhom il misħuta partiti: u min jinbxu fuk hecc jista igħid li tafa l'ilma f'għarbiel: imma, din is-sena, San-Giljan, hemm cumpanija ta ġuvintur puliti, il biċċa il cbira Studenti, li kiegħdin jatu gost lil cull-ħadd: u aħna irridu infaħħruhom, l'eŭŭel nett għax jagħżlu *Produzjonijet* bit-Taljan u bil Malti li jistgħu isiru cullimchien għall'onestà taħħom u jagħmluhom tajjeb ħafna; u, imbagħd, għax hecc jiġbru bosta familji minn *San-Giljan* u minn tas-*Sliema*, familji ta darhom u ta bla csuħat, li igħaddu lejla jeŭ tnejn fil gimgħa bejniethom, f'divertiment sabiħ u xierak. Icun hemm ucoll dakk u cant mill'aħjar; u collox maħtur għal dic il qŭalità ta familji serji u tajjbin. Ma 'nsemmu il ħadd b'ismu, għax għalina l'impurtanti m'humiex il persuni, imma il qŭalitajet tal bcejjeċ li jagħżlu u chîf imorru meħudin collha flimchien. Nghidu biss li id-dramm *Ombre* xtakna nerġgħu naraŭh minn daŭc id-dilettanti haŭn il Belt, fit-teatrin tal *Unjoni Cattolica*; u li bosta bcejjeċ tad-dakk u il cant jistgħu isiru fl'iprem Accademji. Nifirħu lîlhom u lis-Sur Ŭiġ Pace-Bonello P.L., li tahom f'idejhom dac il ġmiel ta teatrin tiegħu.

—Monsinjur Galea chien diġà ħaseb fîna, mita ctibna il gimgħa l'oħra li f'kasir żmien ir-*Rumanz* jarġa jissocta joħroġ. Niżżuħ-ħajr b'kalbna collha. Anzi, illum għandna ucoll tiegħu in-*Naħal fuk il ŭard*, li jogħġob ŭisk lill karrejja tagħna; u għall gimgħat li gejjin għandna żeŭġ articli oħra, sbieħ ħafna—ir-*Rkad* u il *Galateŭ Imkaddes.*

—Nixtieku li it-Tabib Ġanni Borġ, Direttur tal ġraden tal Gvern u tat-taħŭil tassiġar fit-torok, jakra u jixtarr dac li gibna illum fuk is-siġar taż-żebbuġ. Ma jidhirlux li, f'lôc daŭc is-siġar li kiegħed jimla bihom it-torok u ir-rchieni collha ta Malta, siġar *qŭasi salvaggi*, li ma jisŭeŭx ħlief biex iħaddru biss u *jiġbdu ix-xita*, chien icun aħjar iż-żebbuġ (biex ma nghidux ucoll il ħarrub, chîf kâl fil *Habib* is-Sur Randun)? Mita nistgħu nieħdu *tliet* ħŭejjeġ, għax għandna nieħdu *tnejn*? .. Nittamaŭ li, xi darba, it-Tabib Borġ ifissrilna il fehma tiegħu!

—L'articlu ta-sur Ġann Vassall—*Fiex it-Taljan ma jakbelx mal Malti*—nissoctaŭħ il gimgħa id-dieħla, għax għal din l'*originali* ŭaslulna ftit tard. Biex nghidu is-seŭŭa, chellna ħsieb nitolbuħ jiftacar fîna, għax ix-xogħol tiegħu, barra milli jogħġob lîlna, stakseŭna għaliħ raxxa karrejja, li kiegħdin jitgħallmu il Malti minn fuku. Imma kalbu ħebritu: u aħna niżżuħ-ħajr, għal darba tnejn.

—Sa chemm naraŭ li *żbalji* f'certi festi ta cull jum, fejn jonxru barra il bandieri u l'armi

